Nru 111/2005, tat-22 ta' Diċembru 2004, li jistabbilixxi regoli għas-sorveljanza tal-kummerċ tal-prekursuri tad-droga bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-imsemmija regolamenti.

2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tad-29 ta' Lulju 2010 – Il-Kummissjoni vs Franza

(Kawża C-35/10)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/21/KE — Protezzjoni tal-ambjent — Immaniġġar tal-iskart — Estrazzjoni minn minjieri — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 258 TFUE; Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2006/21) (ara l-punti 15-17)*

2. *Stati Membri — Obbligi — Implementazzjoni tad-direttivi — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Ġustifikazzjoni bbażata fuq is-sistema interna — Inammissibiltà (Artikolu 258 TFUE) (ara l-punt 18)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu - Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji kollha sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 102, p. 15).

Dispożittiv

1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji kollha sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE, ir-Repubblika Franċiża naqset milli twettaq l-obbligu tagħha taħt din id-direttiva.

2) Ir-Repubblika Franċiża hija kkundannata għall-ispejjeż.